MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 244/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-20 ta’ Lulju, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-attrici izzewwget lill-konvenut, li huwa ta’ nazzjonalita’ Nigerjana fil-11 ta’ Settembru 1998 fir-Registru Pubbliku ta’ Malta u minn dan iz-zwieg kellhom tifla wahda bl-isem ta’ X li twieldet fit-2 ta’ April 2000 (hawn ezebit certifikat taz-zwieg Dok. A u certifikat tat-twelid Dok. B);

Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibbli minhabba adulterju, servizzi, eccessi, u ingurji gravi da parti tal-konvenut.

Illi l-attrici giet debitament awtorizzata illi tipprezenta din l-istanza permezz ta' digriet f'dan is-sens moghti mill-Qorti Civili Sezzjoni Familja datat is-16 ta' Dicembru 2004 hekk kif estiz b'digriet datat is-16 ta' Mejju 2005 (hawn anness Dok. C).

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghall-finijiet tal-Artikolu 48(c) tal-Kodici Civili (Kap 16) tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda.

2. tawtorizza lill-attrici illi tghix separata mill-konvenut zewgha.

3. tordna illi l-kura u l-kustodja tat-tifla minuri, X tigi fdata lill-attrici salv l-access tal-konvenut fil-granet u l-hinijiet stabbiliti mill-Qorti.

4. tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici martu, ghaliha u ghall-imsemmija tifla minuri, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess Qorti, skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet ta' l-attrici, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici martu fil-gimgha jew xahar kif ordnat minn din il-Qorti jew jekk hekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici, minnflok dak il-manteniment kollu jew parti minnhu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun bizzejjed sabiex l-attrici tkun finanzjarjament indipendenti jew anqas dipendenti mill-konvenut.

5. tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti, id-dispozizzjonijiet ta’ l-artikolu 48 tal-Kodici Civili (Kap 16).

6. tiddikjara xolta l-kommunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni ta’ l-akkwisti jigu maqsuma f’zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit min dina l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut billi, okkorrendo ghall-finijiet ta’ din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta’ divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

7. tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha u separatament tordna illi l-attrici tigi moghtija l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali taghha.

8. tiddikjara illi d-dar taz-zwieg tigi okkupata eskluzzivament mill-attrici u minn bintha minuri bl-eskluzzjoni tal-konvenut;

9. tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra ossija tnizzel fir-Registru Pubbliku s-sentenza eventwalment moghtija minn dina l-Qorti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta’ medjazzjoni, kontra l-konvenut illi huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi l-konveunt naqas li jippresenta n nota tal-eccezzjonijiet u kwindi huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attrici, ta' omissis u d-dokumenti esebiti minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Mejju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Rat in-nota ta' l-attrici ta' l-10 ta' Mejju, 2006 a fol 68 tal-process.

Ikkunsidrat;

Illi din hija kawza ta' separazzjoni fejn l-attrici qed titlob id-dikjarazzjoni ta' separazzjoni minn ma' zewgha flimkien mas-soliti talbiet. Il-kontendenti ghandhom tifla li ghadha minuri. Mill-provi jirrizultaw ampjament il-lanjanzi tal-attrici u l-Qorti mhux talli taghtiha ragun izda tissimpatizza maghha. Il-konvenut abbanduna lill-attrici u l-binthom minghajr ebda raguni valida hlief biex jibqa' jghix ta' guvni.

L-attrici ma ghandhiex ideja preciza dwar il-qligh tal-konvenut hlief li taf li huwa *player* tal-*football* professjonali li l-qligh tieghu jigi sussidjat minn xi impjieg li jinghatalu mill-President tal-*club* li jkun jilghab mieghu. Ghalhekk zgur iktar hu idoneju hlas f'daqqa milli ordni ta' manteniment fejn jirrigwardja l-attrici.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet kollha attrici u ghalhekk;**

**1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;**

**2. tawtorizza lill-attrici tghix ghal rasha;**

**3. taffida l-kura u kustodja tal-minuri msemmija f'idejn l-attrici;**

**4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' sittin Lira Maltin (Lm60) fix-xahar ghall-minuri u s-somma li tithallas darba ta' hamest elef Lira Maltin (Lm5,000) lill-attrici bhala manteniment ghaliha;**

**5. tapplika fil-konfront tal-konvenut id-disposizzonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 kollha u tiddikjara li l-konvenut abbanduna lill-attrici fit-3 ta' Gunju, 2005 ai fini tas-sub-inciz (1) (c) ta'l-istess artikolu;**

**6. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn l-attrici u zewgha; tillikwida l-komunjoni msemmija billi tiddikjaraha konsistenti; fil-proprjetajiet mobbli ndikati fid-Dokument G u l-vettura msemmija fl-affidavit tal-attrici u tassenja l-oggetti kollha ndikati fid-dokument G lill-attrici, hlief ghat-*television* bil-mejda u *DVD Player* li jigu assenjati lill-konvenut, u l-vettura tal-marka Kia Avella lill-konvenut; u fid-dar matrimonjali li tigi assenjata lill-attrici illi ghandha tibqa' thallas id-dejn lil HSBC Bank u dan billi d-dejn prattikament huwa l-valur kollha tad-dar skond l-istima tal-Perit Mark Borg (Dok F) illi ghandha sservi ta' valur reali ghal skopijiet tal-kawza u tal-kuntratt relattiv; tinnomina lin-Nutar Malcolm Mangion illi ghandu jippublika l-att relattiv li ghandu jigi pubblikat fit-18 ta' Lulju, 2006 jew fuq talba *ad hoc***

**ta’ l-attrici jew tan-Nutar nominand u lill-Avukat Dottor Elaine Ellul bhala kuratur ghall-eventwali kontumaci;**

**7. tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-seba’ talba minhabba li ma jirrizultax li l-konveunt ghandu fil-pussess tieghu xi proprjeta’’ parafernali tal-attrici;**

**8. tilqa’ t-tmien talba;**

**9. tilqa d-disa’ talba;**

**10. tawtorizza lill-attrici tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Y;**

**L-ispejjes jithallsu mill-konvenut izda l-attrici ghandha provizorjament thallas id-drittjiet u spejjes tal-kuraturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------